Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2022/2051(INL)

02.2.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar proposti tal-Parlament Ewropew għall-emenda tat-Trattati
(2022/2051(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Margarida Marques

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

PA_INL

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli:

– biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' r-rapport finali dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa li jinkludi 49 proposta[1] u li ġie ppreżentat lill-Presidenti tat-tliet istituzzjonijiet fid-9 ta' Mejju 2022; jinnota li għandhom jitqiesu diversi proposti ta' natura ekonomika u jenfasizza li xi rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu segwiti wkoll fil-qafas tat-Trattati attwali; jinnota li xi wħud minnhom ikunu jirrikjedu li l-bidla fit-trattat tiġi implimentata bis-sħiħ;

2. Ifakkar li fid-9 ta' Ġunju 2022, il-Parlament ippreżenta proposti għall-emenda tat-Trattati lill-Kunsill skont il-proċedura ta' reviżjoni ordinarja stabbilita fl-Artikolu 48 tat-TUE[2];

3. Jinsisti li jkun hemm aktar leġittimità demokratika, obbligu ta' rendikont u skrutinju tal-politiki ekonomiċi tal-Unjoni; jitlob li l-qafas, l-istituzzjonijiet u l-għodod għall-governanza ekonomika tal-UE joperaw skont il-metodu Komunitarju; jemmen li l-Parlament għandu jaġixxi bħala attur ewlieni biex jiżgura skrutinju effettiv; iqis li kwalunkwe twessigħ tas-sett ta' kompetenzi tal-UE fil-qasam tal-politika ekonomika u monetarja jrid ikun akkumpanjat minn twessigħ korrispondenti tad-drittijiet u l-kompetenzi tal-Parlament; jitlob li kwalunkwe reviżjoni tat-Trattat tagħti lill-Parlament rwol aktar indaqs u sorveljanza demokratika f'dawn il-politiki; jappella għal involviment usa' tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali u soċjoekonimiċi fid-definizzjoni tal-prijoritajiet tal-politika ekonomika biex tiżdied is-sjieda tar-riformi;

4. Ifakkar fl-objettivi tal-Unjoni stabbiliti fit-Trattat bħall-istabbiliment ta' unjoni ekonomika u monetarja kif ukoll il-kisba ta' żvilupp sostenibbli bbażat fuq tkabbir ekonomiku sostenibbli u bbilanċjat, stabbiltà tal-prezzijiet u ekonomija tas-suq kompetittiva ħafna b'livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali; jissottolinja li kwalunkwe leġiżlazzjoni għandha tkun konformi mal-ilħuq ta' dawk l-objettivi; iqis li r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni għandhom jiżdiedu bħala mezzi ġenerali fid-dawl tal-ilħuq tal-objettivi tat-Trattati;

5. Jenfasizza li l-effetti ekonomiċi tal-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna kixfu aktar il-limiti tal-qafas fiskali Ewropew attwali u jilqa' l-inizjattiva meħuda mill-Kummissjoni biex tirriformah;

6. Jappoġġa qafas ta' governanza ekonomika li jsaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni biex jiżgura l-istabbiltà, il-livell massimu ta' impjieg, is-sostenibbiltà fiskali, it-trasparenza, l-investimenti strateġiċi u sostenibbli għat-twettiq tat-tranżizzjoni doppja u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, l-obbligu ta' rendikont u

[1] Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa - Rapport dwar l-Eżitu Finali, Mejju 2022.
[2] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar it-talba biex titlaqqa' Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati (2022/2705(RSP)).

s-sjieda demokratiċi, il-politiki fiskali, bħal buffer fiskali magħmul fi żminijiet ekonomiċi favorevoli, u strumenti li jindirizzaw ix-xokkijiet; jinnota li d-diskussjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa enfasizzaw id-domanda għal rieżami profond tal-governanza ekonomika tal-UE u tas-Semestru Ewropew; ifakkar li l-Parlament qabel ma' riforma urġenti tal-arkitettura tal-governanza ekonomika tal-Unjoni, inklużi regoli fiskali aktar sempliċi u aktar ċari u qafas li jwassal aktar għal tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul;

7. Jisħaq fuq l-importanza tas-Semestru Ewropew bħala l-istrument ewlieni li jikkoordina l-politika ekonomika Ewropea u, f'dan ir-rigward, jappella għal involviment akbar tal-Parlament biex jiżgura kooperazzjoni ġusta u ekwa bejn il-koleġiżlaturi;

8. Jinnota li filwaqt li l-politiki baġitarji nazzjonali jibqgħu kwistjoni sovrana, iridu jiġu allinjati mal-għanijiet ewlenin tal-qafas ta' governanza ekonomika li jimplika koordinazzjoni fil-livell Ewropew;

9. Jisħaq fuq l-importanza ta' qafas ta' governanza ekonomika tal-UE biex il-gvernijiet ikunu jistgħu jippromwovu l-investiment pubbliku u jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn; ifakkar li, bis-saħħa ta' regoli komuni u strumenti komuni fil-livell Ewropew, l-Unjoni tista' tiffaċċja aħjar il-kriżi tal-COVID-19; jitlob li jiġu kkunsidrati aktar l-għodod li jippermettu l-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-Unjoni u l-Istati Membri biex jinvestu fi prijoritajiet strateġiċi komuni fil-livell tal-Unjoni;

10. Jinnota li l-valuri numeriċi fil-Protokoll 12 tat-Trattati jibqgħu bbażati fuq il-medji ta' indikaturi ekonomiċi mill-aħħar tal-1990; ifakkar li, mill-ħolqien fl-2011 tas-Semestru Ewropew 'l hawn, l-Istati Membri kisru l-kriterji ta' Maastricht aktar minn 170 darba; jappella għal kunsiderazzjoni dettaljata tal-kriterji ta' Maastricht li jibbenefikaw mill-esperjenza akkumulata matul dawn l-aħħar żewġ deċennji tal-munita unika u mit-tagħlimiet meħuda mill-kriżi preċedenti u attwali, bħall-kriżi finanzjarja u sovrana mill-bidu tad-deċennju tal-2010, il-pandemija tal-COVID u l-gwerra fl-Ukrajna;

11. Jitlob li l-governanza ekonomika tiġi rieżaminata filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda mir-rispons Ewropew għax-xokkijiet ekonomiċi, jiġifieri soluzzjonijiet bħall-proċessi NGEU, inkluża l-istruttura ta' governanza tiegħu, u SURE; jinnota li l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) wera li kien hemm adattabbiltà limitata għal xokkijiet esterni; jisħaq fuq il-bżonn li l-qafas ta' governanza makroekonomika tal-Unjoni jiġi aġġornat biex isir aktar reżiljenti u biex l-Istati Membri u l-Parlament ikunu jistgħu jfasslu regoli rilevanti ġodda li jiżguraw is-sostenibbiltà tal-mudelli ekonomiċi u l-investimenti ewlenin tagħhom, abbażi ta' politiki fiskali sodi u dejn sostenibbli u li jippermettu l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni doppja li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura;

12. Jenfasizza li d-dgħufija tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni wasslet għall-ħolqien ta' pożizzjoni ta' Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ/VP); jissottolinja li politiki ekonomiċi kkoordinati ħafna fil-livell tal-Unjoni jkunu jirrikjedu Rappreżentant tal-Governanza Ekonomika tal-Unjoni (REG) li jpoġġi fil-Kummissjoni, fil-konfigurazzjoni tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u fil-Grupp tal-Euro;

13. Jinnota l-użu reċenti tal-Artikolu 122 tat-TFUE biex jiġi ffaċċjat l-impatt ekonomiku tal-gwerra fl-Ukrajna fuq il-prezzijiet tal-enerġija; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' teħid ta' deċiżjonijiet rapidu meta wieħed jiffaċċja xokk imprevedibbli estern; madankollu jiddeplora n-nuqqas ta' involviment tal-Parlament u tan-nies li jirrappreżenta; jitlob li ssir reviżjoni tal-Artikolu 122 tat-TFUE li tiggarantixxi rappreżentanza demokratika aktar ġusta, inkluż billi l-Parlament jiġi involut fuq bażi ugwali;

14. Iħeġġeġ li jittejjeb il-qafas li bih il-BĊE jagħti rendikont lill-Parlament ħalli jissaħħaħ ir-rwol tal-Parlament bħala korp ta' skrutinju; jinsisti li jifformalizza Djalogu Monetarju obbligatorju mal-Parlament;

15. Jinsisti li l-euro hija bħalissa l-munita unika taż-żona tal-euro, iżda trid titqies bħala l-munita tal-Unjoni; iqis li l-BĊE jeħtieġlu jiddefendi, jippreserva u jtejjeb ir-rwol internazzjonali tal-euro; jemmen li t-tkabbir tal-euro għas-27 Stat Membru kollha jrid ikun għan permanenti, li għandu jintlaħaq b'kalendarju realistiku, proporzjonat u responsabbli, li jissalvagwardja l-istabbiltà u l-kompetittività taż-żona tal-euro; jieħu nota li t-Trattati attwali ma jispeċifikawx skeda partikolari għas-sħubija fiż-żona tal-euro, iżda jħallu f'idejn l-Istati Membri li jiżviluppaw l-istrateġiji tagħhom stess biex jissodisfaw il-kundizzjoni għall-adozzjoni tal-euro;

16. Jirrikonoxxi li l-politika tat-tassazzjoni hija soġġetta għall-unanimità skont it-Trattati attwali; jissottolinja l-bosta impedimenti għal inizjattivi tat-taxxa essenzjali tal-UE matul dawn l-aħħar deċennji;

17. Jenfasizza li xi politiki tat-tassazzjoni diġà huma integrati ħafna, bħat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u d-dazji tas-sisa; jinnota li xi politiki tat-tassazzjoni tal-UE jikkonsistu mill-implimentazzjoni ta' negozjati internazzjonali li għalihom l-Unjoni u l-Istati Membri juru tmexxija; jilqa' l-proposti li saru mill-plenarja tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fid-9 ta' Mejju 2022, b'mod partikolari l-Proposta 16 rigward il-politiki fiskali u tat-tassazzjoni li l-għan tagħhom huwa armonizzazzjoni u koordinazzjoni akbar tal-politiki tat-tassazzjoni fl-Istati Membri, l-introduzzjoni ta' bażi komuni għat-taxxa korporattiva u s-saħħa tas-sorveljanza tal-assorbiment u l-użu tal-fondi tal-UE;

18. Jisħaq li, fit-tul, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-valur miżjud tat-tranżizzjoni lejn votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, kif irrakkomandat il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tniedi mill-ġdid id-diskussjoni dwar l-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'xi kwistjonijiet tat-taxxa permezz ta' approċċ gradwali, bħala segwitu għall-komunikazzjoni tagħha tal-2019 dwar il-kwistjoni, u bħala tweġiba għall-eżitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa;

19. Jisħaq fuq il-fatt li ċerti Stati Membri abbużaw mill-vetoes nazzjonali fi kwistjonijiet ta' tassazzjoni biex jiksbu konċessjonijiet f'oqsma oħra ta' politika; jisħaq li l-eżistenza ta' dawn il-vetoes taf tipperpetwa prattiki dwar it-taxxa dannużi u inġustizzja soċjali li jimminaw il-kapaċità tal-Unjoni li tiffunzjona b'mod effettiv, trawwem kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u tipproteġi l-aħjar interessi taċ-ċittadini u l-SMEs tagħha;

20. Jenfasizza l-isfidi l-ġodda għall-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni (l-Artikoli 101

sa 109 tat-TFUE), li jiġġustifikaw li l-linji gwida u l-avviżi għandhom ikunu allinjati mal-objettivi minquxa fit-Trattat u jappoġġaw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku, il-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali, u jappoġġaw l-awtonomija strateġika tal-Unjoni f'setturi ewlenin bħall-politiki industrijali, ta' difiża, diġitali u kummerċjali; jappella għal involviment aħjar tal-Parlament fir-rieżami tal-linji gwida dwar il-fużjonijiet u l-kontroll tal-għajnuna mill-Istat;

21. Jisħaq li l-kompetizzjoni ġusta bejn il-kumpaniji tista' tipprovdi benefiċċji, inkluż għall-konsumaturi; jenfasizza l-effetti pożittivi li l-SMEs għandhom fuq l-ekonomija u s-soċjetà, u l-ħtieġa li jkunu jeżistu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għalihom; jissottolinja li l-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għandha tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tiddelibera dwar kif l-aħjar li jintlaħqu dawn l-objettivi;

22. Jikkunsidra li l-Parlament għandu jkun aktar involut fl-attivitajiet tal-gruppi ta' ħidma u tal-gruppi ta' esperti fil-livell internazzjonali, bħan-Network Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) bħala osservatur;

23. Itenni li l-Unjoni jeħtieġ li tindirizza n-nuqqas ta' piż politiku tagħha dwar politiki ekonomiċi fil-livell internazzjonali minħabba, fost l-oħrajn, in-nuqqas ta' koerenza tar-rappreżentanza tagħha fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, u dan in-nuqqas jista' jissewwa billi jiġu implimentati miżuri li jiżguraw rappreżentanza unifikata tal-Unjoni u tal-euro fuq livell internazzjonali fid-dimensjonijiet u l-politiki kollha tagħha;

24. Jitlob li, sadanittant, jintużaw b'mod sħiħ it-Trattati attwali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	31.1.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 13 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Gunnar Beck, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Markus Ferber, Jonás Fernández, Giuseppe Ferrandino, Frances Fitzgerald, Claude Gruffat, José Gusmão, Enikő Győri, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtsos, Aušra Maldeikienė, Csaba Molnár, Siegfried Mureşan, Caroline Nagtegaal, Luděk Niedermayer, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Sirpa Pietikäinen, Eva Maria Poptcheva, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Dorien Rookmaker, Alfred Sant, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli, Inese Vaidere, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Nicola Beer, Damien Carême, Margarida Marques, Eva Maydell, Andżelika Anna Możdżanowska, Mikuláš Peksa, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Mick Wallace
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andreas Glück, Camilla Laureti, Leopoldo López Gil

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

35	+
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Stefan Berger, Markus Ferber, Danuta Maria Hübner, Leopoldo López Gil, Aušra Maldeikienė, Eva Maydell, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Sirpa Pietikäinen, Ralf Seekatz, Inese Vaidere
Renew	Gilles Boyer, Giuseppe Ferrandino, Georgios Kyrtsos, Eva Maria Poptcheva
S&D	Marek Belka, Jonás Fernández, Eero Heinäluoma, Camilla Laureti, Margarida Marques, Csaba Molnár, Evelyn Regner, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli
The Left	José Gusmão
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Damien Carême, Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Piernicola Pedicini, Mikuláš Peksa, Kira Marie Peter-Hansen

13	-
ECR	Michiel Hoogeveen, Andżelika Anna Możdżanowska, Dorien Rookmaker
ID	Gunnar Beck, France Jamet
NI	Enikő Győri, Lefteris Nikolaou-Alavanos
PPE	Frances Fitzgerald, Jessica Polfjärd
Renew	Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal, Erik Poulsen
The Left	Mick Wallace

6	0
ID	Antonio Maria Rinaldi, Marco Zanni
PPE	Isabel Benjumea Benjumea
Renew	Nicola Beer, Andreas Glück
S&D	Alfred Sant

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni